MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 499/2003

**The Golden Shepherd Group Limited**

**vs**

**Fortunata Natalina Grech**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-4 ta' Marzu 2003 fejn gie mitlub li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' seba' mija u disgha u tmenin Lira u erbgha u ghoxrin centezmu (Lm789.24), rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' servizzi u kura medika pprovduti lilha fuq ordnijiet taghha stess u dana jirrizulta mill-*invoices* numri 1012298, 1012478 u 1012479.

Bl-ispejjes legali u gudizzjarji, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 20 ta' Dicembru 2002 u bl-imghaxijiet mid-data tal-interpellanza sad-data tal-effettiv pagament.

Ra li l-konvenuta debitament notifikata, baqghet ma dehritx u lanqas ma pprezentat risposta fir-rigward.

Ra n-Nota tal-konvenuta fejn hija ammettiet it-talbiet attrici kif dedotti fl-Avviz tat-Talba.

Ghaldaqstant fuq ammissjoni, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' seba' mija u disgha u tmenin Lira u erbgha u ghoxrin centezmu (Lm789.24), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjes ta' dina l-istanza nkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-20 ta' Dicembru 2002, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta skond il-Ligi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------